




Kif għandhom jiġu Trattati Kwistjonijiet Psikosoċjali u kif għandu Jitnaqqas stress relatat max-Xogħol

Ġabra fil-qosor ta' Rapport ta' l-Aġenzija

Introduzzjoni

Iktar minn wieħed f'erba' ħaddiema jsofru minn stress relatat max-xogħol (WRS) fl-Unjoni Ewropea. Il-WRS u kwistjonijiet psikosoċjali huma l-punt ta' konċentrazzjoni għall-Ġimgħa Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol 2002. Sabiex tiġi sostnuta din l-inizjattiva, ġie prodott rapport li jkopri numru ta' każijiet ta' programmi, prattiki u esperjenzi mill-Istati Membri li jfittxu li jitrattaw kwistjonijiet psikosoċjali u jipprevjenu WRS. Din il-folja tal-fatti tiġbor fil-qosor ir-rapport u hija mmirata lejn dawk b'interess fi żvilupp ta' strateġiji sabiex jiġi trattat WRS fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Fl-aħħar ta' din il-folja tal-fatti, hemm informazzjoni dwar kif għandu jiġi ottenut ir-rapport u prodotti oħra ta' WRS.



Il-miri tar-rapport

- Sabiex jitqajjem għarfien dwar informazzjoni fuq kwistjonijiet psikosoċjali relatati max-xogħol;
- Sabiex ikun hemm promozzjoni ta' kultura preventiva kontra perikoli psikosoċjali, inkluż l-istress, il-vjolenza, u l-bullying;
- Sabiex ikun hemm kontribuzzjoni lejn tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema li jiġu esposti għalihom;
- Sabiex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u d-disseminazzjoni ta' prattika tajba; u
- Sabiex jiġu stimulati attivitajiet fil-livell Ewropew u f' dak ta' l-Istati Membri.

Il-Leġislazzjoni u r-regolament nazzjonali

Id-Direttiva Kwadru ta' l-UE (89/391/KEE), dwar it-titjib tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol, hija l-leġislazzjoni ta' referenza għal Stati Membri ta' l-UE. Tirreferi impliċitament u espliċitament għal kwistjonijiet psikosoċjali. F'numru żgħir ta' pajjiżi, id-disposizzjonijiet legali jmorru lil hinn mid-Direttiva Kwadru billi jispeċifikaw l-azzjoni li trid tittieħed minn min jimpjegja fil-konfront ta' riskji psikosoċjali. Eżempji ta' inizjattivi riċenti huma deskritti fir-rapport bħal-**liġi ġdida dwar sigurtà u saħħa fil-Finlandja** li jinkludi referenzi għal ftigijiet psikosoċjali ta' xogħol, vjolenza u bullying. Xi alternattivi għall-implimentazzjoni tal-liġijiet huma studjati bħal proġett dwar ftehim settorali mill-Olanda: **Ftehim dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol**. Ir-rispons minn Imsieħba soċjali u awtoritajiet pubbliċi, inklużi ispettorati tax-xogħol, huwa miġbur fil-qosor. Ftut eżempji huma deskritti dwar kif kwistjonijiet psikosoċjali huma indirizzati tul l-ispezzjoni.

Titjib ta' l-ambjent psikosoċjali tax-xogħol

Studji tal-każijiet

- Pożittività fix-xogħol – approċċ ta' ġestjoni ta' l-istress għal SMEs (l-Irlanda u l-Iskozja)
- It-Trattament ta' Stress relatat max-Xogħol: l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju (ir-Renju Unit)
- Ċrieki tas-Saħħa: approċċ parteċipattiv għat-titjib ta' kondizzjonijiet tax-xogħol relatati mas-saħħa (il-Ġermanja)
- Imtieħen ta' l-Insiġ Naoussa S.A: programm ta' protezzjoni tas-saħħa fil-post tax-xogħol (il-Greċja)
- Proġett ta' Intervenzjoni dwar l-Assenza u l-Benessri (IPAW) (id-Danimarka)

Ir-rapport jagħti eżempji ta' għajnuniet immirati lejn it-titjib ta' l-ambjent psikosoċjali tax-xogħol. Fost dawn l-għajnuniet hemm Il-Pożittività fix-Xogħol, proċess ta' ħames passi għall-ġestjoni ta' stress fil-post tax-xogħol. L-għajnunata tgħin lil SMEs jidentifikaw ir-riskji ta' stress tax-xogħol u jieħdu azzjoni approprijata. Il-kwadru ta' l-Istima tar-Riskju- Tnaqqis tar-Riskju huwa għajnunata oħra li ġiet ikkontrollata b'suċċess f'ħafna organizzazzjonijiet. Il-mira hija li jiġi smat ir-riskju u li tittieħed azzjoni sabiex jitnaqqas l-istress fost ħaddiema. Ċrieki tas-Saħħa huma gruppi ta' diskussjoni ta' l-impjegati, iffurmati fil-post tax-xogħol sabiex jiġu identifikati problemi maġġuri relatati mas-saħħa fuq ix-xogħol u biex jinstabu soluzzjonijiet. Intużaw u ġew ivvalutati bħala metodu għall-iżvilupp ta' titjib fl-ambjent tax-xogħol mis-snin 1980.

Imtieħen ta' l-Insiġ Naoussa S.A. jipprovdi eżempju ta' l-użu ta' programm tal-protezzjoni tas-saħħa fil-post tax-xogħol. L-intrapriża ilha pijuniera fil-Greċja f'din iż-żona mill-1986. Il-Proġett ta' Intervent dwar l-Assenza u l-Benesseri huwa studju ta' intervent ta' ħames snin dwar l-ambjent psikosoċjali tax-xogħol. Titjib f'dawn il-fatturi psikosoċjali kien segwit b'tnaqqis sinifikanti f'rati ta' assenza.

It-tnaqqis ta' l-istress

Primeri studij

- Smernica organizzazjoni HSE (Health & Safety Executive): 1. del – stres na delovnem mestu (Velika Britanija)
- StRes Moderador: naċin obvladovanja stresa (Avstrija)
- Klinični program za preprečevanje in obvladovanje stresa (Portugalska)
- Politika obvladovanja stresa v belgijski zvezni policiji
- Cestni promet in delovno okolje voznikov avtobusov (Švedska)
- Pazite! skupinski intervencijski program proti izčrpanosti, namenjen bolniškemu osebjju na onkoloških oddelkih (Nizozemska)

Għajnuniet u linji ta' gwida mmirati b'mod iktar speċifiku lejn it-tnaqqis ta' l-istress huma ppreżentati fir-rapport minn **Gwida dwar stress relatat max-xogħol u l-għodda ta' l-IstRes Moderador**, li t-tnejn jipprovdu sostenn għal min jimpjegja u impjegati fl-identifikazzjoni, l-analiżi u t-trattament tar-riskju psikosoċjali fl-intrapriża. Il-**programm kliniku ta' prevenzjoni u kontroll ta' l-istress** huwa speċifiku għal individwi; il-miri prinċipali huma li jiġi restawrat il-benesseri tal-parteċipanti u li jiġu mgħallma kapaciċitajiet biex ilaħħqu mas-sitwazzjonijiet differenti.



Uffiċjali tal-pulizija, sewwieqa u ħaddiema fil-kura tas-saħħa huma kollha gruppi li juru riskju għoli ta' espożizzjoni għal fatturi psikosozjali li jistgħu jiġġeneraw l-istress. Sabiex jiġu assistiti uffiċjali tal-pulizija, il-Pulizija Federali Belġjana introduċiet **politika ta' ġestjoni ta' l-istress** u stabbiliet 'tim ta' l-istress' responsabbli mill-implimentazzjoni tagħha L-oqsma ta' azzjoni ta' dan it-tim multidixiplinarju huma l-ġestjoni ta' stress post-traumatiku, il-prevenzjoni ta' l-istress, informazzjoni u taħriġ. **L-Aċċess għat-triq u l-ambjent tax-xogħol tas-sewwieqa tal-karrozzi tal-linja** jiddeskrivi programm ta' intervent li twettaq fuq linja ta' xarabank fiċ-ċentru ta' Stokkholm. Kien immirat lejn il-livell organizzazzjonali, u studji ta' valutazzjoni wrew tnaqqis fis-sintomi ta' stress fost is-sewwieqa. Fl-aħħar, il-proġett **Hu ħsieb** ifittex li jipprevjeni eżawriment (forma ta' stress kroniku ta' l-impjegat) fost ħaddiema fil-kura ta' l-onkoloġija permezz ta' approċċ ta' ġestjoni ta' l-istress ibbażat fuq tim, li jinkludi l-istabbiliment ta' gruppi ta' sostenn għall-istaff.

II-Prevenzjoni tal-vjolenza

Studji tal-każijiet

- Gwida pprovduta mill-HSE: Parti 2- il-vjolenza fuq ix-xogħol (ir-Renju Unit)
- La Poste: ġestjoni ta' l-istress relatata mas-sitwazzjonijiet ta' aggressività (Franza)
- Il-Prevenzjoni ta' vjolenza fiżika fil-post tax-xogħol fis-settur tal-kummerċ bl-imnut - il-metodu KAURIS (il-Finlandja)

Gwida dwar il-vjolenza fuq ix-xogħol hija parti minn approċċ strateġiku sabiex tiġi trattata vjolenza fil-post tax-xogħol. Studji ta' każijiet huma inklużi li juru kif xi negozji wżaw varjetà ta' metodi effettivi fir-rigward ta' prezz sabiex inaqqsu r-riskju għall-istaff. **Il-Prevenzjoni ta' vjolenza fiżika fil-post tax-xogħol, KAURIS**, hija metodu sabiex negozji jiġu megħjuna fl-istima u fil-ġestjoni ta' vjolenza fil-post tax-xogħol. Hija mmirata lejn l-industrija tal-kummerċ bl-imnut fejn ir-riskju ta' inċidenti vjolenti huwa għoli. **LaPoste** huwa proġett nazzjonali mmirat lejn il-ġestjoni ta' stress relatat ma' sitwazzjonijiet ta' aggressività f'Uffiċċji Postali. Il-mira hi li impjegati individwali jiġu mħarrġa jipprattikaw kapaċitajiet speċifiċi psikoloġiċi u ta' imġiba għall-ġestjoni ta' l-istress.

II-Prevenzjoni ta' bullying

Studji ta' każijiet

- Id-Dinjità fuq ix-xogħol- l-Isfida ta' Bullying fil-Post tax-Xogħol (l-Irlanda)
- Is-sistema tat-trasport pubbliku f'Turin: ftehim għall-prevenzjoni ta' l-abbuż sesswali, tal-bullying u tad-diskriminazzjoni (l-Italja)

Task force dwar il-prevenzjoni ta' bullying fil-post tax-xogħol ġiet stabbilita fl-Irlanda għall-investigazzjoni tal-problema tal-bullying u għall-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif għandu jiġi trattat. Ir-rapport, **Id-Dinjità fix-Xogħol - l-Isfida ta' Bullying fil-Post tax-Xogħol**, jagħti serje ta' direzzjonijiet dwar kif jistgħu jiġu trattati l-isfidi permezz ta' rispons koordinat minn Aġenziji ta' l-Istat. Fit-tieni studju ta' każ, is-**Sistema tat-trasport pubbliku f' Turin** fl-Italja kienet iffaċjata b'żieda fin-numru ta' nisa fil-forza tax-xogħol u ta' ħaddiema mhux Taljani. Minħabba li dan jista' jikkawża abbuż u diskriminazzjoni, ġie ffirmat ftehim fost it-trejdjunjins sabiex jiġu pprevenuti l-abbuż sesswali, il-bullying u d-diskriminazzjoni. Ġiet stabbilita kummissjoni speċjali sabiex tittratta kwalunkwe problemi.

Fatturi ta' suċċess ta' prattika tajba fil-prevenzjoni ta' l-istress

Seba' fatturi huma ppreżentati fir-rapport bħala punti importanti għal prevenzjoni b'suċċess ta' l-istress fil-post tax-xogħol:

1. Analiżi adegwata tar-riskju

Għandha tiġi stabbilita linja bażi permezz ta' l-istima tar-riskju. L-inkjesti jistgħu ikunu parti minn dan il-proċess, imma l-inkjesti m'għandhomx isiru sakemm ma jkunx hemm intenzjoni ċara li tittieħed azzjoni f'waqtha skond ir-riżultati.

2. Ippjanar fid-dettall u approċċ fuq sistema ta' passi

Għandhom jiġu stabbiliti miri ċari u jiġu identifikati target groups, kif ukoll jiġu identifikati kompiti, responsabbiltajiet u jiġu allokati r-riżorsi.

3. Kombinazzjoni ta' miżuri diretti lejn ix-xogħol u miżuri diretti lejn il-ħaddiem

Għandha tingħata prijorità lil interventi kollettivi u organizzazzjonali sabiex ir-riskji jiġu trattati fil-fonti. Miżuri diretti lejn il-ħaddiema jistgħu jikkumplementaw azzjonijiet oħra.

4. Soluzzjonijiet speċifiċi għall-kuntest

L-Esperjenza ta' impjegati fl-impjegat hija riżors vitali fl-identifikazzjoni ta' problemi u soluzzjonijiet. Esperjenza barranija tista' xi drabi tkun neċessarja.

5. Prattikanti ta' esperjenza u interventi bbażati fuq evidenza

Għandha tintuża biss esperjenza kompetenti u barranija.

6. Djalogu soċjali, sħubija u involviment tal-ħaddiema

Involviment u impenn minn impjegati, amministraturi medji u prinċipali huwa kruċjali għal kull stadju ta' intervent.

7. Sostenn ta' prevenzjoni u ta' appoġġ tal-ġestjoni prinċipali

Titjib sostenibbli mhuwiex possibbli sakemm l-amministrazzjoni ma tkunx lesta tagħmel bidliet. Il-Ġestjoni tar-riskju għandu jsir mezz prinċipali ta' kif isir in-negozju.

Kif tottjeni ir-rapport

Ir-rapport komplet huwa disponibbli bl-Ingliż f'http://agency.osha.eu.int/publications/reports/index_en.htm fejn jista' jitniżżel mingħajr ħlas. Ir-rapport stampat Kif għandhom jiġu trattati kwistjonijiet psikosozjali u kif għandu jitnaqqas stress relatat max-xogħol, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol, 2002, ISBN 92-9191-009-0 jista' jiġi ordnat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet KE EUR-OP fil-Lussemburgu (<http://eur-op.int/>), jew mill-aġenti tal-bejgħ tiegħu. Il-prezz huwa 23.50 Euro fil-Lussemburgu (eskluża l-VAT).

Ikter informazzjoni dwar stress relatat max-xogħol hija disponibbli f'<http://osha.eu.int/ew2002/>.